MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 24/2010

**Neil John Pavia**

**vs**

**Mediterranean Aviation Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Gunju, 2010, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'Avviz maghmul minn Neil John Pavia pprezentat fir-Registru fil-21 t'Ottubru 2008. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi sew minhabba li fl-ewwel lok kien mehtieg li tinghata sentenza parzjali preliminari, u sew ghaliex is-smiegh tax-xhieda ha fit-tul.

**Dikjarazzjonijiet**

Ir-Rikorrent iressaq l-ilment tieghu fis-sens li li l-kumpanija Mediterranean Aviation Company Limited kisret u qed tikser l-Artikolu 27 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex kienet qed timpjegah izda ma kinitx qed thallsu bhall-impjegati l-ohra fl-istess klassi ta' l-impieg ghal xoghol ta' valur ugwali. Jghid ukoll li l-kumpanija qed tiddiskrimina kontra impjegati ta' nazzjonalilta' Maltija, bhal ma kien hu. Huwa talab kumpens finanzjarju xieraq. Jiddikjara li sa dakinhar kien ghadu impjegat ma' l-istess kumpanija.

Permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Kazipprezentata fir-Registru fl-10 ta' Novembru 2008, ir-Rikorrent jiddikjara li sadanittant huwa ttermina l-impieg mas-socjeta` intimata, u li hadem bejn l-1 ta' Frar 2007 u t-22 t'Ottubru 2008.

Il-kumpanija intimata ressqet l-Istqarrija tal-Kaz taghha fl-14 ta' Novembru 2008 u preliminarjament qajmet eccezzjoni ta' inkompetenza tat-Tribunal stante li r-Rikorrent ma kienx ghadu impjegat taghha, oltre li fuq il-mertu hija sostniet li kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh, il-kumpanija appellata qatt ma kisret id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu dwar xoghol ta' valur ugwali kif qed jallega l-appellant ghaliex dejjem hallset lill-First Officers fil-klassi ta' l-appellant b'mod gust u legali.

Hemm qbil bejn il-partijiet li r-rikorrent irrezenja mill-impieg tieghu fit-22 ta' Ottubru 2008, permezz ta' ittra ta' rizenja li ggib l-istess data u esebita bhala dokument MAC/MB/1 fl-ewwel seduta; ghalhekk dan il-kaz jirrigwarda biss allegat trattament diskriminatorju.

**Preliminari**

It-Tribunal heggeg il-partijiet jaslu fi ftehim bonarju izda dan ma sehhx. B'Decizjoni parzjali tas-17 ta' Frar 2009 giet michuda l-eccezzjoni preliminari tal-gurisdizzjoni, u ghalhekk il-kaz kompla jinstema' fuq il-mertu.

**Il-Provi migjuba**

F'dawn il-proceduri gie pprezentat il-kuntratt ta' l-impieg, li kien ghal zmien fiss ta' sentejn; giet esebita l-ittra tar-rizenja fejn ir-rikorrent jiggustifika r-rizenja tieghu minhabba numru konsiderevoli ta' ksur tat-termini tal-kuntratt da parti tas-socjeta' intimata, izda dan mhux il-mertu ta' dan il-kaz; giet pprezentata lista ta' l-impjegati tas-socjeta' intimata, u l-istess socjeta' intimata esebiet lista tal-piloti taghha (First Officers). Mhux spjegabbli kif il-lista ta' l-ETC ma turix il-parti l-kbira tal-piloti imsemmijin fid-dokument l-iehor, daqskemm mhux spjegabbli kif il-piloti/First Officers Sinclair Portelli, Thomas Soler u Josef Zammit huma msemmijin fil-lista ta' l-ETC biss.

Ir-Rikorrent xehed li huwa ghandu licenzja biex isuq l-ajruplani, izda fiz-zmien ta' l-impieg tieghu mas-socjeta' intimata kellu Type Rating biex isuq ajruplani Casa 212 li ghandu bzonn multi-crew certificate, igifieri b'kaptan u First Officer; il-kumpanija kellha ajruplani ohrajn izda r-rikorrent ma kellux it-Type Rating ghalihom biex ikun jista' jsuqhom, anke jekk dawn jistghu jinsaqu minn pilota wiehed. Jilmenta li huwa kien jahdem 20 jum imbaghad ikollu 10 ijiem “off”, mentri piloti ohrajn kienu b'sistema ta' 28 jum "on" u 28 jum "off. Dawn mhux talli kellhom aktar mistrih, talli kienu qed jithallsu iktar minnu. Biex First Officer ikun jista' jilhaq Kaptan, hawn Malta ghandu bzonn li ikun tajjar ajruplani ta' l-inqas ghal elf u hames mitt (1,500) siegha. Jghid li Kaptan Indonesjan kien sahansitra jithallas inqas minnu, bhala First Officer, ghax jafu li dan jaccetta xorta.

Jghid li mill-banda l-ohra l-piloti Olandizi jithallsu aktar mill-Maltin, u bit-28 jum "on" u 28 jum "off".

Ir-Rikorrent jixhed li hu u piloti ohra ilmentaw u Roderick Cutajar, il-Human Resources Manager tal-Medavia, kien iwieghedhom li ser jirrangaw l-affarijiet u kienet qed tigi diskussa struttura ta' hlasijiet indaqs. Jghid li huwa rrizenja ghar-ragunijiet imsemmija fl-ittra tar-rizenja (folio 18 tal-process) li jirrigwardaw il-living-conditions tal-piloti, kif irrizenjaw ohrajn; u kien biss wara li l-kumpanija intimata aktarx irrangat l-istruttura tal-pagi, inkluz li kien hemm piloti li ghollewlhom il-pagi biex jaslu sa l-ammont li suppost kienu qed jithallsu. Indirettament dan gie konfermat mid-dokumenti pprezentati mis-socjeta' intimata stess li juru li l-pagi inbidlu (fil-maggoranza gholew) b'effett mill-1 t'Ottubru 2008. Ir-Rikorrent indika diversi First Officers barranin li kellhom flight-hours bhalu, li izda kienu jithallsu ahjar minn, bhal ma kienu Dekna, Lanoyye, Ramos u Ageli, b'dan ta' l-ahhar ikun qed jithallas aktar mid-doppju tieghu.

Imbaghad ressqet il-provi taghha s-socjeta' intimata. Mark Shaw jibda billi jixhed li l-ajruplani Casa huma inferjuri ghall-ohrajn Dash u Beach Craft ghax ta' l-ahhar igorru aktar passiggieri u joghlew aktar fl-gholi; spjega li pilota licenzjat itajjar biss l-ajruplani li taghhom ikollu type-rating (ikun gie mharreg fihom). Jghid li r-rikorrent beda maghhom bla ebda esperjenza, harrguh huma u tawh type-rating tal-Casa: training li jdum hmistax jew 3 gimghat. Jispjega li certu Ghariani kellu hafna u hafna aktar esperjenza mir-Rikorrent, u ghalhekk jithallas iktar. Jghid li First Officers li jtajru ajruplani ohra jithallsu differenti proprju ghaliex jirrikjedu kapacita' u responsabbilta' differenti. Jghid li r-Rikorrent kien ikollu paga differenti kieku ottjena t-type-rating ta' l-ajruplani l-ohrajn. In kontro-ezami jispjega li meta First Officer ikollu iktar minn 2,500 siegha esperjenza,

huwa jsir Senior First Officer, u dan kien indikat fl-Operations Manual li hu approvat mill-awtoritajiet. Gieli jkun hemm First Officers li jigu infurmati bil-miktub li saru seniors jew li ser tizdidilhom il-paga minhabba f'dan, imma dan mhux dejjem isir. Ix-xhud Roderick Cutajar jghid li mhux normali jinhargu ittri meta Officer isir senior, imma dan il-fatt jigi rifless fil-paga. Jghid li l-paga tiddependi fuq il-flying-hours, it-type ratings u fuq l-esperjenza ta' l-individwu. Jghid li l-iskali stabbiliti precizi jezistu, u jghid li l-impjegati jigu infurmati mill-ewwel b'dan, b'referenza ghall-Operations Manual.

Gew esebiti estratti mill-Operations Manual, li juri li bhala First Officers hemm tliet livelli: Senior, Grade A u Grade B, fejn id-differenza bejniethom hija bazikament l-esperjenza fi flying-hours. Mark Shaw jghid li dan l-Operations Manual ma jinghatax lil kull min jigi impjegat, izda kull min ikun iridu jinghatalu. Dan il-manual ma jurix l-iskali tal-hlas, imma juri l-gradi differenti ta' dawk li jsuqu l-ajruplani.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Dan it-Tribunal jibda biex jinnota l-mod evaziv kif irrispondiet is-Socjeta' ntimata, u cioe' li hija qatt ma ddiskriminat b'mod illegali. Il-kaz seta' jigi stradat ahjar kieku l-kumpanija qalitha mill-ewwel li l-First Officers jithallsu b'mod differenti skond il-kwalifiki, l-esperjenza li ghandhom u type-rating ta' ajruplan li jsuqu: ta' l-inqas din hija d-difiza li hareg l-abbli avukat taghhom lejn l-ahhar tas-smiegh tal-kaz.

Ir-Rikorrent jikkontendi li l-First Officers huma kollha l-istess, hlief ghall-flying-hours, imma mhemmx distinzjoni skond ir-type-rating ta' l-ajruplan li jtajru. Is-socjeta' intimata, mill-banda l-ohra targumenta li wiehed jista' jqabbel biss First Officers ta' type-rating partikolari biss, b'attenzjoni

fuq l-esperjenza. It-Tribunal ma setax jaghmel dawn il-paraguni bejn il-piloti tal-Casa, imma seta' jaghmel paraguni bejn il-piloti ta' l-ajruplani l-ohra. Jista' jigi osservat mid-dokumenti pprezentati mis-socjeta' intimata (a fol. 26, 27, 28) li fuq l-ajruplani Dash 8, Al Naeli kellu hafna u hafna aktar esperjenza minn Ageli, imma s-salarju baziku tieghu kien inqas minn ta' Ageli - haga li giet irrangata wara l-istrutturar ta' l-1 t'Ottubru 2008. Jista' jigi osservat ukoll li fuq l-ajruplani Beech 1900, Lanoyye u Daling kellhom salarju ugwali kemm qabel kif ukoll wara r-riforma ta' l-1 t'Ottubru 2008, u dan minkejja l-fatt li Daling suppost huwa First Officer Grade A (b'aktar minn 1,500 siegha esperjenza) u Lanoyye suppost huwa First Officer Grade B (b'inqas minn 1,500 siegha esperjenza). Minn dawn il-figuri, t-Tribunal jista' jikkonkludi li minkejja li x-xhieda tas-socjeta' attrici xhedu li l-iskali tal-hlas huma ben definiti skond it-type-rating u skond l-esperjenza, li fatti juru li dan mhux il-kaz.

Di piu` dan it-Tribunal jinnota wkoll li fil-waqt li s-socjeta' intimata targumenta li l-Beech u d-Dash huma superjuri ghax huma pressurised (mentri l-Casa mhuwiex) u jiehdu aktar passiggieri, l-Operations Manual mhux talli ma jaghtix importanza lil din id-distinzjoni, talli jaghti importanza lill-esperjenza fuq multi-pilot aeroplanes bhal ma hu l-Casa.

Ghalhekk dan it-Tribunal huwa sodisfatt li d-distinzjoni li qed tipprova tohloq is-socjeta' intimata bejn First Officers ta' ajruplani Casa minn First Officers ta' l-ajruplani l-ohra mhix distinzjoni li verament ghandha taghti lok ghal differenza fil-hlas ta' salarju. Ghalhekk ir-Rikorrent ghandu jitqabbel mal-First Officers tat-tliet ajruplani, basta dawn ikollhom flight hours simili ghal tieghu. F'dan il-punt it-Tribunal jinnota li Dekna l-anqas biss kellu 500 siegha esperjenza meta gie kompilat dak id-dokument, u s-salarju baziku tieghu kien

xorta ahjar minn tar-Rikorrent. Biex tigi kwantifikata d-diskriminazzjoni, it-Tribunal ser ihares lejn is-salarju ta' Lanoyye li bhar-rikorrent jaqa' fil-kategorija ta' First Officer Grade A, b'iktar minn 500 siegha imma inqas minn 1,500 siegha esperjenza. Skond id-dokumenti tas-socjeta' intimata stess, ir-Rikorrent kellu salarju mensili baziku ta' €2,000, mentri Lanoyye kellu salarju mensili baziku ta' €2,900. Ir-Rikorrent dam jahdem mas-socjeta' intimata sena u kwazi 10 xhur, fejn fl-ahhar xahar anke suppost ha z-zieda skond ir-riforma, imma d-dokument ipprezentat juri li dan ma hadhiex. Fuq 20 xahar, is-salarju mitluf huwa ta' €18,000. It-Tribunal mhux ser jidhol fil-mertu tar-rizejna, li r-Rikorrent jattribwixxi ghal ksur ta' ftehim bejn il-partijiet, imma qed jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li Lanoyye seta' lahaq il-500 flight hours qabel ir-Rikorrent, u li r-rikorrent ha l-esperjenza u t-type rating minn ghand l-intimata; izda dawn huma kontro-bilancjati bil-fatt li Lanoyye kien jahdem bit-28 jum "on" u 28 jum "off, mentri r-rikorrrent kien jahdem bl-20 jum "on" u 10 "off.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li r-rikorrent gie diskriminat waqt l-impieg tieghu ghal ragunijiet mhux gustifikati fil-ligi, ghal liema diskriminazzjoni huwa ghandu jigi kkumpensat mill-intimata fl-ammont ta' tmintax-il elf Euro (€18,000), liema kumpens ghandu jithallas mill-intimata lir-Rikorrent fi zmien tletin jum mill-lum.

Ghall-fmijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' disghin Euro (€90.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.”

Is-socjeta` intimata tobbjetta kontra din is-sentenza bl-ilment illi t-Tribunal Industrijali naqas milli japprofondixxi, sew legalment kif ukoll fattwalment, il-kuncett ta' klassi fil-kuntest tax-xoghol ta' valur ugwali prevvista mill-Artikolu 27 tal-Kapitolu 452. Hija toggezzjoni illi t-Tribunal skarta l-argomenti taghha, u b'mod partikolari l-punt preponderanti illi kellu jinduci lit-Tribunal jasal ghal konkluzjoni illi kienu l-First Officers li jtajjru certu tip ta' ajruplan li kellhom jitqiesu fl-istess klassi ta' l-appellat. Dejjem skond l-istess socjeta` intimata, il-punt legali li fuqu sar l-appell jirrigwarda l-kontenzjoni illi l-appellat ma kellux il-kwalifikazzjoni biex isuq ajruplani ohra tal-kumpanija u kien ghalhekk illi l-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu kienu ghal kollox differenti minn dawk ta' First Officers li jsuqu l-ajruplani l-ohra;

Fit-twegiba tieghu ghall-aggravji sottoposti l-appellat jissolleva d-difiza unika illi l-appell ma huwiex ritwali in kwantu jippostula biss ilmenti fuq materja ta' apprezzament ta' fatt u mhux ta' ligi. Huwa jissottometti b'tishih ghal din il-pregudizzjali illi l-istess aggravji huma intizi ghar-ri-apertura tal-provi processwali, u tali ma kienx permissibbli li jsir skond il-previzjoni tal-ligi, ex-Artikolu 82(3) tal-Kapitolu 452. F'kull kaz jissottometti wkoll illi s-sentenza hija gusta u timmerita konferma shiha in kwantu ma tikkontjenix id-difetti suggeriti mis-socjeta` appellanti;

A propozitu ta' din il-pregudizzjali huwa utli li jsir rikjam preliminari ghal certi enuncjazzjonijiet tal-Qrati fuq is-suggett:-

1. Ibda biex, fit-termini tal-Kapitolu 452, a distinzjoni ta' certi ligijiet specjali ohra, ma hemmx bzonn li l-punt ta' ligi jkun gie espressament definit fis-sentenza appellata. Huwa anzi sufficjenti illi l-punt ta' ligi li fuqu jsir l-appell jirrizulta involut jew implicitu fid-decizjoni, in kwantu din tkun ittiehdet bis-sahha tal-principju interpretattiv tal-ligi li l-appellanti jikkontesta. Ara "**Grazio Muscat -vs- Wilfred Podesta *nomine***", Appell Civili, 7 ta' Mejju, 1956;

2. Id-decizjonijiet u l-ordnijiet tat-Tribunal ghal dawk li huma kwestjonijiet u konkluzjonijiet ta' fatt huma finali. Dan ifisser illi jekk il-punt ta' ligi li fuqu sar l-appell huwa infondat, allura din il-Qorti ta' revizjoni, skond gurisprudenza kostanti fuq ligijiet ohra li similment jaghtu dritt ta' appell lilha fuq punt ta' ligi biss, ma tidholx biex tezamina l-fatti. Ara "**Vincenzo Vella -vs- Paolo Grech**", Appell Civili, 24 ta' Marzu, 1958;

3. Dwar id-distinzjoni ta' x'jikkostitwixxi punt ta' ligi u punt ta' fatt inkiteb hafna u kien hemm ukoll diversi decizjonijiet dwarha. Gieli d-distinzjoni tkun cara u gieli ma tkunx. Ara "**Joe Cortis -vs- Awtorita` ta' l-Ippjanar**", Appell, 27 ta' Frar, 1996;

Iffissati dawn l-aspetti gurisprudenzjali, jinkombi fuq il-Qorti, ghall-fini ta' l-ammissibiita`, o meno, ta' l-appell, illi tezamina l-atti processwali li fuqhom l-appell hu bazat biex tikkontrolla jekk, oggettivament, l-appell issollevax punt ta' ligi, kif hekk pretiz mis-socjeta` appellanti, jew, inversament, semplici censura ta' l-apprezzament tal-fatti, kif hekk kontez mill-appellat;

Fil-qosor hafna, fuq il-fatti kif allegati, jirrizulta dan li gej:-

1. B'kuntratt ta' l-1 ta' Frar 2007 (fol. 9) l-appellat gie mill-kumpanija appellanti impjegat bhala First Officer "*to perform his duties on Aircraft owned, chartered or otherwise use by* it";

2. Il-Kumpanija kienet topera tliet tipi ta' ajruplani, u cjoe Casa 212, Beach Craft 1900 u Dash 8. L-appellat kien assenjat mansjoni fuq l-ajruplan Casa 212 ghal liema kien inghata tahrig u kien *type rated*. Hu minnu mistqarr illi z-zewg ajruplani l-ohra ma setax isuqhom (ara xhieda tieghu a fol. 42). B'danakollu, skond l-istess appellat (fol. 92) il-licenzja li kellu kienet tissupera dik ta' Beach 1900 u kwantu ghal piloti ta' Dash 8 dawn kellhom l-istess licenzja bhal dik tieghu, tant li kien hemm First

Officers li ghaddew minn Casa 212 direttament ghal Dash 8;

3. Skond Mark Shaw, Ground Operations Manager mal-kumpanija, “ghal kull tip ta’ ajruplan trid tigi ttrenjat biex tkun taf dak l-ajruplan partikolari. Dan jissejjah fl-industrija bhala *type rating*. Int ikollok licenzja ta’ pilota imma ma jifsserx li tista’ ttajjar kull tip ta’ ajruplan mil-lum ghal ghada. Teknikament tista’ ttajru jekk tigi mghallem kif ittajru u jkollok ic-certifikat li ghaddejt mill-ezamijiet ta’ kif ittajru”. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 104;

4. Dan l-istess xhud jissokta jiddikajra illi bejn ajruplan u iehor issir distinzjoni fil-paga (fol. 113), ghaliex ghal certu tip ta’ ajruplan tirrikjedi certa esperjenza u “*requirements*” differenti (fol. 114);

5. Ix-xhud Roderick Cutajar (fol. 136) ukoll isemmi illi d-differenza fil-paga tikkorrispondi ghal certa esperjenza, certu “*flying hours*” u “*type rating*”. Skond dan ix-xhud dan huwa hekk l-aktar fil-kaz ta’ Senior First Officers meta paragunat ma’ First Officers ohrajn in kwantu ghar-riflessjoni li tinzel minn numru ta’ *flying hours* u l-esprejenza. Jinghad ukoll minnu illi meta beda jahdem l-appellat dan kien First Officer Grade B ghaliex kien ghadu ma lahaqx 1500 siegha ta’ titjir;

Posta l-kwestjoni li l-kontendenti kienu qeghdin jikkontrovertew dwarha quddiem it-Tribunal, jinghad qabel xejn illi l-mansjoni ta’ impjegat hi dik miftehma bejn il-partijiet skond il-kuntratt relattiv. Dan huwa ta’ massima rilevanza in kwantu huwa f’relazzjoni ma’ din il-mansjoni li tigi stabbilita l-kwalifika u l-kategorija ta’ l-impjegat. Jekk allura fil-fattispeci l-mansjoni ta’ l-appellat kienet dik ta’ First Officer hi proprju din il-kwalifika li tirraggruppah f’certa entita klassifikatorja. Ara a propozitu d-definizzjoni moghti mil-ligi lill-frazi “klassi” skond l-Artikolu 2 ta’ l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali;

Skond ma jiddixxendi mill-istruttorja tal-kaz fl-inkartament hi t-tezi ta' l-appellat illi, una volta huwa kien kategorizzat fil-klassi ta' First Officers, ma kellux ikun hemm diskriminiazzjoni ghal dak li hu salarju bejnu u First officers ohrajn, indipendentement mix-xorta ta' ajruplan li mieghu kien addett. Huwa ghal din ir-raguni li jimpernja l-pretensjoni tieghu fuq id-dispost ta' l-Artikolu 27 ta' l-Att li jipprovdi illi "impjegati fl-istess klassi ta' impjieg ghandhom id-dritt ghall-istess rata ta' rimunerazzjoni ghal xoghol ta' valur ugwali". Il-provvediment hu l-implementazzjoni fil-ligi Maltija tad-Direttiva 75/117 ta' l-Unjoni Ewropeja li ffissat il-principju ta' "*equal pay for the same work or for work to which equal value has been attributed*". Dan, apparti l-eliminazzjoni ta' kull diskriminazzjoni "*on grounds of sex*". Minn naha taghha l-kumpanija appellanti ssostni illi fil-kaz specifiku ma tezisti ebda diskriminazzjoni ghaliex m'hemmx l-ekwivalenza tal-mansjonijiet gjaladarba fil-kaz ta' First officers li jtajru ajruplani ohra tezisti esperjenza differenti u utilita` diversa;

Jinhass opportun f'dan l-istadju illi jigu inkwadrati certi riljevi estratti mill-kazistika ta' l-Unjoni Ewropeja:-

1. Hu principju dettat mill-Artikolu 157 tat-Trattat (gja Artikolu 141 u Artikolu 119) illi l-qrati domestici "*have a duty to ensure the protection of the rights which that provision vests in individuals, in particular in the case of those forms of discriminations which have their origin directly in legislative provisions or collective labour agreements, as well as where men and women receive unequal pay for equal work which is carried out in the same establishment or service, whether private of public*". ("**Gabrielle Defrenne -vs- Société Anonyme Belge de Navigation Aérienne Sabena**", Case 43-75, datata 8 ta' April, 1976);

2. "*Article 119 applies directly to all forms of discrimination which may be indentified solely with the aid of the criteria of equal work and equal pay referred to by that provision, without national or community measures being required to define them with greater precision*"

("**Douglas Harvey Barber -vs- Guardian Royal Exchange Assurance Group**", Case 262 – 88, deciza 17 ta' Mejju, 1990);

3. "*As a general rule, it is for employees who consider themselves to be the victims of discrimination to prove that they are receiving lower pay ... and that they are in fact performing the same work or work of equal value, comparable to that performed by the chosen comparator*" ("**Susanna Brunnhofer -vs- Bank der Österreichischen Postsparkasse AG**", Case 381 – 99, deciza 26 ta' Gunju 2001). Logikament l-oneru tal-provi li l-inegwaljanza fil-paga mhix diskriminatorja jaqa' fuq min ihaddem (ara "**Handels-og -vs- Dansk Arbejdsgiverforening**", ahjar maghruf bhala d-**Danfoss Case** (109/88 [1989] ECR 3199 (1991));

Premess dan, id-dottrina legali l-aktar akkreditata tikkjarixxi l-provvediment predett tal-ligi b'dawn l-ispjegazzjonijiet. Skond **Selwyn** ("**Law of Employment**", 15th Edition, 2008), "<u>*Like work*</u>", ifisser "*that the work must be the same or boardly similar, and any differences between the work done are not of practical importance*" (para. 5.13). "*If there are any differences between the work done, the tribunals must ask if these are such that it is reasonable to expect to see them reflected in different wage settlements*" (para. 5.14);

Dan l-istess awtur jghaddi, imbaghad, biex jaghmel dawn ir-rikjami agguntivi:-

1. "*Employees who have received different professional training, and thus could be called upon to perform different duties are not employed in the same work*" (para. 5.16 b'rikapitalazzjoni tad-decizjoni fl-ismijiet "**Angestelltenbetriebsrat der Wiener Gebietskrankenkasse -vs- Wiener Gebietskrankenkasse**" (C-309/97 [1999]);

2. Ukoll jekk ix-xoghol hu meqjus bhala ekwivalenti jew ta' valur ugwali, "*the employer may still be able to resist an equal pay claim on the ground that the variation in pay is genuinely due to a material factor*" (para. 5.31). Mandakollu, "*the defence of 'genuine material factor' cannot apply to any difference in the actual work done, for this must be considered when it is decided whether or not there is like work or work rated as being equivalent"* (para. 5.32);

Mid-diversi aspetti li jinzlu minn din id-dottrina legali u l-gurisprudenza enuncjata huwa car illi skop tal-precett legali superjuri dettat mill-Artikolu 27 ta' l-Att huwa:-

(i) Fl-ewwel lok, dak li jiggarantixxi r-retribuzzjoni gusta;
(ii) Fit-tieni lok, illi d-determinazzjoni ta' din l-istess retribuzzjoni gusta taghmilha l-klassi ghal liema jappartjeni l-impjegat;
(iii) Fit-tielet lok, illi r-retribuzzjoni tieghu ma jridx ikun f'import inferjuri ghal dak tas-salarju li jircievu impjegati ohra fl-istess klassi;

Jokkorri li jigi osservat illi l-ekwivalenza tal-mansjonijet li tikkondizzjona l-legittimita` tal-principju fil-predett artikolu tal-ligi hi element verifikabbli fuq il-pjan oggettiv, u cjoe, taht il-profil ta' l-inkluzjoni ta' l-istess sfera professjonali u salarjali fis-sens li hu necessarju li l-mansjonijiet ta' l-istess klassi ta' First Officer huwa proporzjonalment affini fir-rapport tax-xoghol. Wisq naturalment, b'rabta mal-pregudizzjali mqanqla, ghandu jizdied illi una volta jinstab li gew rispettati l-principji tal-ligi in materja, il-valutazzjoni ta' l-ekwivalenza tal-mansjonijiet tikkostitwixxi oggett ta' gudizzju ta' fatt, insidakabbli minn din il-Qorti ta' revizjoni skond il-parametri ristrettivi ta' l-Artikolu 82 (3) ta' l-Att;

Ipprecizat dan, certament din il-Qorti ma tistax tinfatam mill-konsiderazzjoni sottomessa mis-socjeta` appellanti illi ghal fini tal-paragun t-Tribual kellu *sic et simpliciter* jillimita

ruhu ghall-First Officers in bazi ghax-xorta ta' ajruplan li fuqu huma kienu kollokati. L-approcc analitiku tal-vertenza kien jissuggerixxi illi biex il-paragun ikun "*fair*" ma' dak tal-*"comparator's job*" kien hemm il-htiega li jigi evalwat jekk fl-impjieg tal-First Officer il-wiehed, avolja in relazzjoni max-xorta ta' ajruplan partikolari, kienx hemm differenzi sinjifikattivi u ben markati ghal dik li hi kompetenza u efficjenza minn dik tal-First Officer l-iehor. Jekk kif inghad minn Roderick Cutajar, "First Officers huma dejjem First Officers", huwa immaterajli jekk l-appellat u l-First Officer l-iehor li mieghu t-Tribunal ghamel il-komparazzjoni, joperawx b'ajruplani ta' xorta differenti. Ilkoll huma fl-istess klassi u ma tezisti ebda sotto-klassifikazzjoni fil-kaz tal-wiehed paragunat ma' l-iehor. It-tnejn ghandhom l-istess kwalita professjonali intrinsika ghall-mansjoni ta' xulxin. *Multo magis*, jekk wiehed jaccetta d-dikjarazzjoni ta' l-appellat fil-kors tax-xhieda tieghu, u hawn fuq esposti;

Fil-kumpless, similment bhat-Tribunal qabilha, din il-Qorti ma tirravviza ebda fattur materjali genwin ghad-differenzazzjoni fis-salarji. Pjuttost, il-Qorti tara li jkun estremament ingust u jista' wkoll jaghti lok ghall-abbuz, b'detriment ghall-impjegat partikolari, jekk dan, fl-istess klassi ta' l-impjegati ohrajn bhalu, u bil-piz fuqu ta' l-istess responsabilitajiet, ma jigix kompensat b'mod ugwali. Dan, wara kollox, jidher li gie hekk ukoll rikonoxxut mill-istess socjeta` appellanti tant li, sussegwentement ghar-rizenja mill-impjieg da parti ta' l-appellat, hi stess hadet il-briga li timmodifika l-iskali salarjali tal-First Officers taghha biex dawn, indipendentement mix-xorta ta' ajruplan, ma jibqghux ta' l-impjegat il-wiehed anqas favorevoli minn dawk ta' l-iehor fl-istess klassi. Mhux il-kaz li l-Qorti zzid riljevi ulterjuri ghaliex, fl-ahhar mill-ahhar, il-Qorti tabqel mal-konkluzjoni fattwali li wasal ghaliha t-Tribunal. Dan fis-sens illi l-istanza ma setghetx, in bazi ghall-fatti ezaminati u l-obbjettivi tal-ligi, titqies infondata. Tabilhaqq, ikollu jinghad bi qbil ma' l-appellat illi ghall-argomenti sottoposti bl-appell jirrispondu sew il-konsiderazzjonijiet zvolti mit-Tribunal fis-sentenza appellata.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din il-procedura jitbatew mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------